GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# April 2024

**Suġġett:** Malti

**Data:** 10 ta' April 2024

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u tletin minuta)

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) Is-sistema edukattiva qiegħda tipprepara lil uliedna għad-dinja tax-xogħol b'mod effettiv? Iddiskuti.

*Jew*

b) Waħdi l-Imdina. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim it-Test** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Għerq is-Sinjur**

Meta l-bniedem rifes fuq dawn il-gżejjer għall-ewwel darba, dawn kienu sinjuri fil-bijodiversità, jiġifieri, fil-flora u l-fawna u l-ambjent naturali tagħhom. Madwar dan is-seħer, il-bniedem bena daru. Minħabba li mhux dejjem kien jifhem dawn l-għeġubijiet tan-natura li saħħruh, madwarhom sawwar numru ta' stejjer fuq kif kien jifhem u kif kien jara dan il-wirt naturali.

Minbarra li l-bijodiversità qdietu billi tatu l-ikel, tatu kenn fuq rasu u l-ilbies biex jitgħatta, il-bniedem użaha wkoll biex jipprova jħares saħħtu u jbiegħed minnu l-ħażen u l-ispirti ħżiena. Il-bijodiversità għenitu wkoll biex ibassar it-temp, u anke bħala mod ta' pjaċir. Dawn l-għajdut u d-drawwiet dwar il-bijodiversità, li l-bniedem sawwar f'moħħu, baqgħu neżlin bil-fomm mix-xjuħ għat-tfal. Sal-lum niltaqgħu ma' ħafna minn dawn l-għajdut, drawwiet u twemmin li huma kollha msawra mal-bijodiversità.

Il-gżejjer Maltin huma sinjuri ħafna fil-flora indiġena. Jilħqu madwar elf speċi differenti. U dawn ma setgħux ma kinux ta' seħer għall-bniedem, li għex magħhom f'dawn il-gżejjer. Dawn kienu ta' għajnuna kbira għall-bniedem, kemm biex tawh kenn fuq rasu, teżor ta' ikel u ta' ilbies, u anke għenuh biex jikkontrolla l-mard u jtabbab saħħtu. Fi ftit kliem, il-flora indiġena kienet u għadha ta' għajnuna ekonomika, ekoloġika u soċjali.

U m'għandniex xi ngħidu dan wassal ukoll għal numru ta' għajdut, drawwiet u twemmin li ma jispiċċaw qatt. Wieħed mill-aktar twemmin popolari huwa dwar il-pjanta indiġena, li fl-imgħoddi kienet tikber anke Malta, imma li llum tinsab tikber biss fuq il-Blata tal-Ġeneral, l-għerq is-sinjur.

Għalkemm uħud jaħsbu li għerq is-sinjur huwa fungu, dan mhux korrett, għaliex din hija pjanta parassita li tgħix fuq l-għeruq ta' pjanti li ma ddejjaqhom xejn l-imluħa fl-ambjent, bħall-bjanka. Għerq is-sinjur jikber ħafna fuq din il-blata, li hija għolja madwar 60 metru minn wiċċ il-baħar. Il-Gran Mastri fi żmien l-Ordni, biex iħarsu din il-pjanta fuq il-Blata tal-Ġeneral, kienu mhux biss illixxaw kemm setgħu l-ġnub biex ħadd ma jkun jista' jitla fuqha mill-baħar, imma kienu wkoll ħallew għassa madwarha. Min kien jinqabad jisraq din il-pjanta, kien jintbagħat il-ħabs jew jaqdef fuq ix-xwieni.

Il-magħseb[1] ta' din il-pjanta huwa aħmar u fuqu jkollu fjuri żgħar ta' lewn aħmar dagħmi[2]. Minħabba dan il-kulur ta' għerq is-sinjur, kien jintuża fid-duwa tradizzjonali, tant li fis-seklu sittax fl-Ewropa kien magħruf bħala l-fungu ta' Malta. Il-Kavallieri ta' Malta, tant kellhom stima lejn din il-pjanta, li ta' spiss kienu jibagħtu ftit minnha bħala rigal lill-mexxejja fl-Ewropa.

Kien maħsub li minħabba li l-pjanta hija ta' kulur kannella ħamrani, u dan il-kulur kien jiskura meta din tinxef, din kienet tajba biex tfejjaq problemi tad-demm. Barra minn hekk, minħabba l-forma fallika tagħha, kien ukoll maħsub li din setgħet tgħin ukoll fi problemi sesswali, tant li l-Kavallieri kienu wkoll jużaw il-mgħaseb[3] niexfa biex jerġgħu jġibu lura s-saħħa wara xi battalja.

Kif qegħdin taraw, dawn l-għajdut fl-użu tal-pjanti indiġeni Maltin fil-mediċina tradizzjonali, għadhom magħna sal-ġurnata tal-lum. Illum tista' tgħid huma biss sors ta' informazzjoni u xejn iżjed.

*Addattament tal-artiklu 'Għajdut, drawwiet u twemmin fil-gżejjer Maltin' ta' Alfred E. Baldacchino*

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt: (Total: 25 marka)**

1. Skont is-silta, il-gżejjer Maltin huma:
   a. għonja fil-flora indiġena
   b. fqar fil-flora indiġena
   ċ. bla flora indiġena. (2)

2. Għerq is-sinjur hija:
   a. fungu
   b. fjura
   ċ. pjanta. (2)

3. X'għamel il-bniedem ladarba ma fehemx għalkollox l-għeġubijiet tan-natura? (2)
4. L-għajdut u d-drawwiet b'liema mod għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra? (2)
5. Semmi **TLIET** modi kif il-bijodiversità qdiet lill-bniedem. (3)
6. B'liema mod kienet u għadha ta' għajnuna l-flora indiġena? (2)
7. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li għamlu l-Kavallieri biex iħarsu għerq is-sinjur. (2)
8. Skont is-silta, kif kienet tgħin din il-pjanta fuq livell ta' saħħa? (2)
9. X'taħseb li kien l-iskop li għalih inkiteb dan l-artiklu? (2)

[1] Iz-zokk ewlieni tal-pjanta.(Ing. *stem*)
[2] Aħmar skur kulur il-porpra.
[3] Il-plural ta' magħseb, Ing. stems.

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kliem ieħor** għall-kliem li huwa fil-**grassett** skont is-silta t'hawn taħt: (4)

Il-magħseb ta' din il-**pjanta** huwa aħmar u fuqu jkollu fjuri żgħar ta' **lewn** aħmar dagħmi. Minħabba dan il-kulur ta' għerq is-sinjur, dan kien jintuża fid-**duwa** tradizzjonali, tant li fis-seklu sittax fl-Ewropa kien magħruf bħala l-fungu ta' Malta. Il-Kavallieri ta' Malta, tant kellhom stima lejn din il-pjanta, li ta' spiss kienu jibagħtu ftit minnha bħala rigal lill-**mexxejja** fl-Ewropa. (is-sitt paragrafu)

2. Liema kelma jew frażi minn **paragrafu 3** għandha din it-tifsira:
   a. Protezzjoni mill-ambjent ta' barra.
   b. Tikber u tiżviluppa fi gżira jew pajjiż partikolari. (2)

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport (20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Ikteb rapport lis-Surmast tal-iskola dwar inċident li seħħ fil-brejk ta' nofsinhar fl-iskola fejn taħdem int.

   *Jew*

b) Ġejt mhedded/mhedda diversi drabi fuq il-midja soċjali minn xi ħadd anonimu. Iddeċidejt li tirrapporta dan il-każ lill-pulizija peress li s-sitwazzjoni eskalat iżżejjed. Ikteb dan ir-rapport.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra (20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb email ta' 80 kelma.

a) Ikteb ittra lill-Awtorità tad-Djar sabiex tilmenta li ma jistgħux joħorġu l-permessi għall-bini ta' blokka kbira t'appartamenti f'art barra miż-żona ta' żvilupp li hemm faċċata tiegħek.
   **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**: ismek: Mario/Maria Buhagiar, l-indirizz tiegħek: 'Il-Bejta', Triq il-Merill, Ħal Kirkop, KRP1440; l-indirizz tal-Awtorità tad-Djar: 112, Triq il-Lanċa, il-Belt Valletta, VLT 1338.

   *Jew*

b) Ikteb ittra lill-Kunsill Lokali tal-lokalità tiegħek sabiex turi l-apprezzament tax-xogħol li wettqu fit-tindif u t-tisbiħ ta' ġnien pubbliku.
   **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**: ismek: Adrian/Adriana Conti, l-indirizz tiegħek: 'Peprina', Triq il-Fjuri, is-Siġġiewi, SĠW 1321; l-indirizz tal-Kunsill Lokali: 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, SĠW 4031.

# TMIEM IL-KARTA